

# Il-Festa tal-Madonna Taċ-Ċintura ġewwa Ħal Luqa

## Ir-rabta tagħha mal-Banda L'Unione

**Kitba ta' Rosair Farrugia**



L-ewwel indikazzjoni ta' devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura ġewwa Ħal Luqa hija proprju fl-ewwel kwadru titulari (xogħol ta' Filippo Dingli qabel 1600) ta' din il-parroċċa li juri lill-Madonna fuq il-qamar u s-sħab biċ-ċintorin iswed marbut ma' qaddha, fuq kull naħa nsibu lil Sant'Andrija u lil San Pawl.

Aktar tard fis-sena 1727, il-prokuraturi tal-fratellanza, Gio Dominico Zammit u Giuseppe Mifsud bagħtu supplika lill-Isqof ta' Malta biex l-artal eżistenti tat-Trinità jiġi żarmat u jiġi ddedikat lill-Madonna taċ-Ċintura fejn din ix-xewqa ġiet milqugħa. Għalhekk ġie avviċinat l-artist Enrico Arniaud biex ipitter il-kwadru l-ġdid fejn fih kellhom jiġu inklużi t-Trinità kif ukoll Santu Rokku u San Franġisk de Paola peress li l-kwadru ta' qablu kienu irraffugurati fih. Il-kwadru tlesta sena wara fl-1728.

Il-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ġewwa Ħal Luqa tmur lura bosta snin. L-ewwel festa li nsibu mniżżla fid-dokumenti saret fl-1720 u kienet tiġi ċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Awwissu. Għal xi żmien, fil-purċissjoni ma kinitx toħroġ vara, iżda wara li ġiet avviċinata l-fratellanza tar-rużarju, bdiet toħroġ l-istess vara biċ-ċintorin f'idha.

L-ewwel sehem tal-Banda L'Unione f'din il-festa kien fl-1885 meta l-prokuratur tal-festa kien is-Sur Nikola Sammut, li kien ukoll president tas-

Soċjetà Filarmonika L'Unione, li b'rispett stieden lill-banda tiegħu stess. F'din is-sena, il-Banda L'Unione esegwit programm mużikali fejn żanżnet innu ta' ġieħ 'Lill-Madonna Taċ-Ċintura' fuq mużikak tas-surmast Ferdinando Camilleri u versi tal-Ħalluqi Francesco Xuereb, bis-sehem ta' kor tat-tfal.



Aktar tard fis-Sena Marjana tal-1954, iddikjarata mill-Papa Piju XII, il-festa ġewwa Ħal Luqa ħadet spinta akbar, fejn lejlet il-festa l-Banda L'Unione għamlet marċ qasir u wara ttella' programm fil-pjazza fejn waqtu ġie inawgurat l-Innu l-Kbir 'Lill-Madonna Taċ-Ċintura', fuq mużika tas-surmast Joseph Abela u kliem ta' Rev. Dun Frans Camilleri. Wara din is-sena, il-festa bdiet kulma jmur dejjem tbatti mill-importanza tagħha sal-1987 meta saret l-aħħar purċissjoni.



Illum il-festa tiġi ċċelebrata b'quddiesa u prietka fuq il-Madonna, hija ħarsa li festa b'storja ta' aktar minn 300 sena tilfet l-interess tagħha u l-anqas il-vara ma baqgħet tintrama fil-knisja, forsi 'l quddiem nerġgħu naraw din il-vara toħroġ purċissjoni għall-festa taċ-Ċintura.